**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 3 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 434/01 AJD*

Sterling Car Rentals Ltd.

vs

George Pace

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gunju, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u erbghin liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm246.93) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' karozza u tiswijiet fuq il-karozza tal-marka Volvo bin-numru KBB 806, pprovduti lill-konvenut mis-socjeta' attrici.
Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-presenti, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Greta Mifsud, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u erbghin liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm246.93), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR